

Brussell, 17 ta' April 2023
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0411(COD)

7947/23
ADD 1

CODEC 523
IXIM 67
ENFOPOL 141
JAI 383
COMIX 158

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal- Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI (I- ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija tenfasizza l-appoġġ sħiħ tagħha għal kooperazzjoni tal-pulizija msaħħa u skambju ta' informazzjoni mtejjeb bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Sfortunatament, it-test attwali fih dispożizzjonijiet li l-Awstrija tqis problematiċi. Dawn huma (1) il-perjodu ta' rieżami preskritt marbut biż-żmien għad-data fis-sistemi nazzjonali tal-ġestjoni tal-każijiet, li jinterferixxi indebitament mal-kompetenza leġiżlattiva nazzjonali, u (2) il-possibbiltà li jinbidlu l-mezzi ta' komunikazzjoni waqt li jkun għaddej skambju ta' informazzjoni.

Fil-fehma tal-Awstrija, dawn il-punti ser jagħmlu x-xogħol tal-pulizija aktar diffiċli u kellhom jitħassru. Minħabba dan, l-Awstrija tastjeni.
